

Brussell, 16 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10359/22

EF 174
ECOFIN 633
DELECT 96

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 3342 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 10.6.2022 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn impriża fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 8a ta' dik id-Direttiva

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 3342 final.

Mehmuż: C(2022) 3342 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.6.2022
C(2022) 3342 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.6.2022

li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn impriża fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 8a ta' dik id-Direttiva

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 8a(6), it-tieni subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 8a(6), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tad-Direttiva 2013/36/UE (“id-Direttiva”) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta, wara s-sottomissjoni ta’ abbozz ta’ standards mill-Awtorit  Bankarja Ewropea (EBA), u skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, atti delegati sabiex tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-awtorizzazzjoni tad-ditti tal-investment bħala istituzzjonijiet ta’ kreditu.

F’konformit  mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jstabilixxi l-ABE, il-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-abbozz tal-istandards, għandha tiddeċiedi tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista’ wkoll tapprova l-abbozz tal-istandards parzjalment biss, jew b’emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jesig  hekk, filwaqt li titqies il-proċedura speċifika stipulata f’ dawk l-Artikoli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F’konformit  mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz ta’ standards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni f’konformit  mal-Artikolu 8a(6), punt (a), tad-Direttiva. G ie ppubblikat dokument ta’ diskussjoni fis-sit tal-ABE fl-4 ta’ Ġunju 2020, u l-konsultazzjoni nthalqet fl-4 ta’ Settembru 2020. Barra minn hekk, l-EBA ħadmet f’konsultazzjoni mal-Awtorit  Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). Barra minn hekk, stiednet lill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati tal-EBA stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex jipprovdi pariri dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi. Flimkien mal-abbozz tal-istandards tekniċi, l-EBA ppreżentat spjegazzjoni dwar kif l-eżitu ta’ dawn il-konsultazzjonijiet tqies fl-iżvilupp tal-abbozz finali tal-istandards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-abbozz tal-istandards tekniċi, u f’konformit  mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-ABE ppreżentat il-Valutazzjoni tal-Impatt tagħha, inkluża l-analiżi tagħha tal-kostijiet u l-benefiċċji, b’rabta mal-abbozz tal-istandards tekniċi sottomessi lill-Kummissjoni. Din l-analiżi tinsab hawnhekk: <https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/investment-firms/regulatory-technical-standards-prudential-requirements-investment-firms>, il-paġni 60-85 tal-pakkett tal-Abbozz Finali tal-Istandards Tekniċi Regulatorji.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-abbozz tal-RTS li jispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti għall-awtorizzazzjoni f’konformit  mad-definizzjoni l-g dida ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu introdotta fl-Artikolu 4(1), punt (1)(b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (kif emendat bl-Artikolu 62, punt (3)(a) tar-Regolament (UE) 2019/2033).

L-abbozz tal-RTS jikkonsisti f’subsett tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti għall-awtorizzazzjoni ta’ istituzzjoni ta’ kreditu — meħtiegħa fl-abbozz relatat tal-RTS ippreżentat mill-EBA (RTS/2017/08) — peress li jqisu l-attivitajiet limitati pprovduti mill-applikanti. Dan l-abbozz tal-RTS jipprovdi l-flessibilit  meħtiegħa lill-awtoritajiet kompetenti fir-rekwiżit ta’ tali informazzjoni u, f’każijiet definiti sew, jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jirrinunzjaw għal xi informazzjoni li tikkunsidra, b’mod partikolari, kwalunkwe liċenzja preċedenti li l-applikant jista’ jkollu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.6.2022

li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn impriża fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 8a ta' dik id-Direttiva

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(6), it-tieni subparagrafu flimkien mal-Artikolu 8a(6), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 8a tad-Direttiva 2013/36/UE, id-ditti tal-investment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (1)(b) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jenħtieġ li japplikaw għal awtorizzazzjoni bħala istituzzjonijiet ta' kreditu. Dawk l-impriżi għandhom jipprovdu biżżejjed informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti sabiex ikunu jistgħu jwettqu valutazzjoni komprensiva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu applikanti.
- (2) Il-lista ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'applikazzjoni minn entitajiet li jfittxu li jiksbu l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 8a tad-Direttiva 2013/36/UE għandha tiġi speċifikata f'regolament. Jenħtieġ li tali informazzjoni tinkludi d-dettalji ta' identifikazzjoni u l-informazzjoni storika tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, inklużi l-liċenzjar eżistenti tagħha, l-attivitajiet proposti, is-sitwazzjoni finanzjarja attwali, il-programm ta' operazzjonijiet, u l-kapital inizjali.
- (3) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-armonizzazzjoni tal-informazzjoni tal-awtorizzazzjoni meħtieġa għall-istituzzjonijiet ta' kreditu applikanti, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirreferi għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... [PO please insert reference upon the RTS publication]³ dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, ir-

¹ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.

² Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE).../... [PO please insert reference upon the RTS publication] li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu, u li jispeċifikaw l-ostakli li jistgħu jipprevjenu l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti (ĠU L xxx xx.xx.2022 p.x).

rekwiżiti applikabbli għall-azzjonisti u l-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti u l-ostakli li jistgħu jipprevjenu l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet superviżorji u jenħtieġ li jkollhom l-għan li jespandu l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għad-ditti tal-investment li jikklassifikaw bħala istituzzjonijiet ta' kreditu.

- (4) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jidentifika tip ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jieħdu depożiti jew fondi ripagabbli oħra mill-pubbliku u jagħtu krediti f'isimhom stess u ieħor li huwa dak kopert mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod differenti, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li n-negozju tagħhom jinkludi t-teħid ta' depożiti jew fondi ripagabbli oħra mill-pubbliku u l-għoti ta' krediti f'isimhom stess jenħtieġ li jsegwu r-rekwiżiti tar-Regolament Delegat (UE) .../... [PO please insert reference upon the RTS publication].
- (5) Il-lista ta' rekwiżiti ta' informazzjoni pprovduta f'dan ir-Regolament għall-istituzzjonijiet ta' kreditu applikanti jenħtieġ li tqis l-ispeċifitajiet tal-mudell tan-negozju tad-ditti tal-investment u kwalunkwe liċenzja preċedenti mogħtija minn awtorità kompetenti.
- (6) L-awtoritajiet kompetenti jista' jkollhom bżonn jespandu l-informazzjoni mitluba sabiex ikunu f'pożizzjoni li jivvalutaw bir-reqqa l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, filwaqt li jqisu l-firxa ta' mudelli ta' negozju u forom legali differenti li l-istituzzjonijiet applikanti jistgħu jieħdu. Dan ir-Regolament għandu jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jitolbu informazzjoni addizzjonali minn ditta tal-investment meta jivvalutaw l-applikazzjoni għal istituzzjoni ta' kreditu.
- (7) L-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra li tirrinunzja xi rekwiżiti ta' informazzjoni fid-dawl tad-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti kkonċernata, u b'kont meħud tal-prinċipju tal-proporzjonalità u l-piż tal-implimentazzjoni fuq l-istituzzjonijiet. Madankollu, dan m'għandux jikkomprometti l-possibbiltà li titwettaq valutazzjoni komprensiva tal-applikazzjoni għal istituzzjoni ta' kreditu.
- (8) Dan ir-Regolament huwa msejjes fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji preżentat mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) lill-Kummissjoni.
- (9) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa

1. Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) punt (1) (b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandha tikkonforma mar-rekwiżiti rigward l-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 10 tar-

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

Regolament Delegat (UE) .../... [PO please insert reference upon the RTS publication].

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu informazzjoni addizzjonali, dment li tali informazzjoni tkun proporzjonata u rilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-awtorizzazzjoni.
3. Sakemm l-awtorità kompetenti ma titlobx mod ieħor, l-applikant mhuwiex meħtieġ jipprovdi l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 meta din l-informazzjoni tkun diġà miżmuma mill-awtorità kompetenti, inkluż fejn tkun intalbet u nkisbet minn awtorità kompetenti oħra, dment li l-applikant jiċċertifika li tali informazzjoni hija preċiża u kompluta fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.
4. Istituzzjoni ta' kreditu applikanti tista' tħalli barra mill-informazzjoni tal-applikazzjoni li hija rilevanti biss għal attivitajiet mhux indikati fl-informazzjoni stabbilita fil-programm ta' operazzjonijiet skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) .../... [PO please insert reference upon the RTS publication], dment li l-applikant jidentifika fl-applikazzjoni l-informazzjoni li tħalliet barra u jikkwota din id-dispożizzjoni bħala l-bażi għall-ommissjoni.
5. Wara l-valutazzjoni tal-informazzjoni ppreżentata fl-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-applikant jipprovdi informazzjoni jew spjegazzjonijiet addizzjonali, meta l-awtorità tqis li dan ikun meħtieġ għall-finijiet ta' verifika ta' jekk ir-rekwiżiti kollha għall-awtorizzazzjoni ġewx issodisfati.
6. L-istituzzjoni ta' kreditu applikanti għandha tiżgura li l-informazzjoni ppreżentata fl-applikazzjoni tkun aġġornata biex tiżgura l-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.6.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN